Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2013

Numru 823/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Raymond Scicluna**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Raymond Scicluna ta' 55 sena, iben Emmanuel Borg u Rita xebba Scicluna, imwieled il-Belt nhar it-22 ta' Awwissu 1957, u residenti prezentament gewwa l-YMCA, Valletta u detentur tal-karta tal-identita` numru 759657(M)

Akkuzat talli nhar il-25 ta' Awwissu 2013, ghall-habta tas-1.00pm minn gewwa l-McDonalds sitwat fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta:

(i) Ikkommetta serq, ikkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta’ Natalia Naya Manero, u dan bi ksur tal-Artikolu 261(c) u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tikkunsidra lil Raymond Scicluna bhala recidiv u dan ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, kif registrata fis-seduta tas-26 ta’ Awwissu 2013, meta sar l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, kif ukoll in vista tal-provi migjuba mill-prosekuzzjoni, ossia l-istqarrija rilaxxjata lill-pulizja mill-istess imputat, kif ukoll filmati li juru lill-imputat jiehu l-*handbag* in kwistjoni, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat. Min-naha l-ohra, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-fedina penali pjuttost refrattarja tal-imputat, mil-liema fedina penali jirrizulta *inter alia* illi l-imputat instab hati dwar reati ta' serq f'erba' okkazzjonijiet ohrajn, fir-rigward ta' liema huwa nghata *inter alia* Ordni ta' *Probation*, sentenza ta' prigunerija sospiza, kif ukoll sentenza ta' prigunerija effettiva. Jidher ghalhekk illi l-imputat ma tghallem xejn minn dan kollu u ghazel minflok illi jerga' jxellef difrejh mal-gustizzja, tant illi fil-fatt il-*modus operandi* tas-serq mertu ta' dan il-kaz jidher li huwa simili jekk mhux identiku ghas-serq li kkommetta f'okkazzjonijiet precedenti u li nstab hati dwaru, kif inghad.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-imputat baqa' ma rritornax ir-*res furtiva* u lanqas jidher li hemm tama li dawn ser jigu rritornati lil sidthom u li l-valur ta' dawn l-oggetti kien ta' cirka €460, kif ikkonferma wkoll l-imputat.

Illi in vista tas-suespost, il-Qorti tqis illi piena karcerarja effettiva hija piena idonea fic-cirkostanzi, liema piena ghandha, ghall-istess ragunijiet hawn fuq moghtija, teccedi l-piena ta' sena prigunerija suggerita lill-Qorti mid-difiza.

Illi madankollu il-Qorti semghet ukoll lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jissottomettu illi l-imputat ghandu l-vizzju tad-droga u illi ghalhekk huwa ghandu jinghata l-ghajnuna kollha possibbli, inkluz billi jinghata l-opportunita` li jaghmel programm, sabiex jeghleb dan il-vizzju.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 31, 49, 50, 261(c), 267, 279(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva** – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht

arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom.

Il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata kemm jista' jkun malajr u minghajr dewmien, l-opportunita` li jidhol fi programm ghar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga u li sakemm dan isehh, huwa ghandu jinghata l-attenzjoni u l-ghajnuna kollha necessarja, sabiex jibda fit-triq tar-rijabilitazzjoni tieghu. Il-Qorti tigbed ukoll l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi jkun ta' ghajnuna ghall-hati jekk huwa jinzamm fil-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli.

Il-Qorti qed tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------